V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

Il-Każ M.9559 – Telefónica/Prosegur/Prosegur Alarmas España

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 412/06)

1. Fis-27 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Telefónica S.A. ("Telefónica", Spanja),

— Prosegur Compañía de Seguridad, S.A. ("PCS", Spanja)

— Prosegur Alarmas España, S.L.U. ("Prosegur Alarmas", Spanja), li tappartjeni għall-grupp ta' PCS.

Telefónica u PCS jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Prosgur Alarmas kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Telefónica: operatur dinji tat-telekomunikazzjonijiet u fornitur ta' network tal-mobile, li jaħdem b'għadd ta' ismijiet tad-ditta, inklużi Movistar, O2 u Vivo. Telefónica hija kumpanija 100 % proprjetà pubblika kkwotata fil-Borża ta' Madrid, ta' New York, ta' Lima u ta' Buenos Aires,

— PCS: tipprovdi servizzi tas-sigurtà lil kumpaniji, djar u negozji. L-operazzjonijiet ta' PCS huma maqsuma fi tliet linji ta' negozju, jiġifieri l-allarmi, is-sigurtà u l-flus kontanti,

— Prosegur Alarmas: attiva fil-provvita ta' servizzi ta' stallazzjoni tal-allarmi u l-konnessjoni ma' ċentri riċevituri fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9559 – Telefónica/Prosegur/Prosegur Alarmas España

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË